


Regoli ġodda




Djalogu miftuħ




Trasparenza




Investiment

# L-Atti tal-Forum Nazzjonali dwar l-Ilsien Malti

Is-Sibt, 15 ta' Novembru 2008

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
2005-2008




Ikkonvinċejna




Letteratura




Teknoloġija




Integrazzjoni

# Forum Nazzjonali dwar l-Ilsien Malti

## Is-Sibt, 15 ta' Novembru 2008, Sala Robert Samut, il-Furjana

**Programm**

| | |
|---|---|
| *09:00am* | **Ftuħ tal-Forum**<br>Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Frans Borg |
| *09:05am* | **Il-Malti fl-isfond multilingwi Ewropew**<br>Il-Kummissarju tal-UE għall-Multilingwiżmu, Leonard Orban |
| *09:15am* | **Rapport tal-ħidma tal-Kunsill**<br>Id-Direttur Eżekuttiv tal-Kunsill, Olvin Vella |
| *10:00am* | **Waqfa** |
| *10:30am* | **Il-viżjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**<br>Il-President tal-Kunsill, il-Prof. Manwel Mifsud |
| *10:50am* | **L-istat tal-Ilsien Malti**<br>Interventi mill-udjenza |
| *11:55am* | **Għeluq**<br>minn membru tal-Kunsill, il-Prof. Joe Friggieri |

Imexxi l-Forum, Mario T. Vassallo, mid-Dipartiment tal-Politika Pubblika (fl-Università ta' Malta)

# Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (2005-2008)

| | |
|---|---|
| *President* | Il-Prof. Manwel Mifsud BA(Hons), PhD |
| *Viċi President* | Dr Josette Attard BEd(Hons), BA, MA, PhD |
| *Segretarju* | Is-Sur George Farrugia BEd(Hons), MA |
| *Membri* | Il-Prof. Albert Borg BA(Hons), DLitt(Ruma), PhD(Edin) |
| | Is-Sur Joseph Borg BA, MA |
| | Dr Charles Briffa BA(Hons), MA, DipArabic, PhD |
| | Is-Sur Victor Cauchi PL |
| | Dr Ray Fabri BA(Hons), PGCE, MA, PhD(Dusseldorf) |
| | Il-Prof. Joe Friggieri BA, PhD(Milan), DPhil(Oxon) |
| | Dr Simone Inguanez LLD |
| | Is-Sur Mario Schiavone DipMgt, MBA |
| *Direttur Eżekuttiv* | Is-Sur Olvin Vella BA(Hons), PGCE, MA |

# Messaġġ minn Dolores Cristina

## Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport

Fost l-elementi kulturali ewlenin li jagħżlu lil Malta minn artijiet oħra u jseddqu l-identità tagħha, l-ilsien Malti aktarx jiġi fuq quddiem. Huwa lsien imżewwaq bħalma mżewqa hija l-istorja tal-poplu tagħna, u min jistagħġeb bin-nisġa unika tiegħu qed juri sensittività li jmissha tkun f'kull wieħed minna.

Huwa minnu li llum id-dinja miexja b'passi mgħaġġlin lejn globaliżmu li jista' jiknes kulma jsib quddiemu. Imma huwa sewwasew għalhekk li aħna għandna nżommu ċar quddiemna l-identità nazzjonali tagħna u naħdmu biex insaħħuha. F'din l-imġiba tagħna għandna l-ispirazzjoni u l-appoġġ sħiħ tal-Unjoni Ewropea li, fl-esperjenza kbira tagħha, għarfet li ma nistgħux narmu l-identità ta' xi wieħed minna, imqar jekk kien l-iżgħar fost kulħadd, biex naslu għall-għaqda Ewropea mixtieqa. Għall-kuntrarju, il-milja tagħna rridu nsibuha flimkien billi kulħadd iġib miegħu u jiddepożita l-kultura u l-lingwa tiegħu f'fond wieħed komuni: l-unità fid-diversità.

Imma l-ilsien Malti ma ngħożżuhx biss bħala element tal-identità nazzjonali. Ngħożżuh ukoll għax jagħtina l-libertà nesprimu ruħna bil-kumdità, nitolbu jeddijietna, infissru l-aktar ħwejjeġ intimi tagħna, u permezz tiegħu nibnu relazzjonijiet ma' għajrna. Tabilħaqq, l-ilsien Malti huwa għodda ewlenija biex inkomplu ntejbu l-kwalità ta' ħajjitna.

Dan id-diskors pożittiv fuq l-ilsien Malti m'għandux iwassalna biex nittraskuraw it-tagħlim u t-tħaddim ta' ilsna oħra, imqar f'pajjiżna. L-Ingliż jaqdina tajjeb ħafna lokalment u huwa pont wiesa' mal-bqija tad-dinja. Jekk l-ilsien Malti hu tagħna, l-Ingliż qed isir ta' kulħadd.

Aħna nilqgħu l-messaġġ tal-Unjoni Ewropea li mqar żewġ ilsna jistgħu ma jkunux biżżejjed. Huwa għalhekk li gvern wara ieħor offrew it-tagħlim ta' għadd ta' ilsna oħra fl-iskejjel tagħna, proġett li qed inkomplu nsostnuh.

Nawgura lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti li jkompli bil-ħidma kbira tiegħu favur ilsienna, għax il-preżenza tal-Malti fil-kwadru mżewwaq tal-ilsna Ewropej u dinjija hija xhieda tal-prinċipju li d-diversità għandna ninkoraġġuha u mhux noħonquha.

# Address to the National Forum on the Maltese Language

Leonard Orban

### Introduction

Ladies and gentlemen,
*Bonġu u merħba!*

It is a pleasure to speak to you today. And let me thank you for your kind invitation.
It has been almost five years since Malta joined our Union. And I am delighted to say that accession has been a huge success – politically, economically, culturally and, of course, linguistically.

### Maltese and Enlargement

Maltese citizens can now address the institutions of their Union in Maltese. They can consult the laws and official documents of the Union in Maltese. A new translation industry has flourished, providing job opportunities for those who speak Maltese.

And let's not forget the impact that entry has had on the language itself. Being made an official language of our Union not only raises the profile of a language. It also emboldens and enhances it. It prompts translators and experts to unearth lexical treasures and bring them back into common use. These activities keep the language healthy and help it evolve.

### A Source of Richness for Europe

Europe enriches the Maltese language. And of course, the Maltese language enriches Europe too. Over the last few days I have had the chance to listen to your language; to appreciate its lilting melody; to marvel at its eclecticness and eccentricities. With its unique blend of Semitic roots, Roman script and vocabulary drawn from Sicilian, Italian and English, it is a true gem in our mosaic of languages. It is a true source of richness for Europe.

In fact, I think Maltese says a lot about Europe as a whole.

### A More Open Europe

Not just because it shows that when we speak about Unity in Diversity, we mean what we say; that the official languages of member states deserve equal status – however big or small they are.

The Maltese language also reflects a broader theme in Europe's past – and its present. It exemplifies the fact that many of the things we cherish most, are born of interaction with other people. That much of our culture and civilisation is founded on exchange.

We live in a Union of immense cultural wealth. Not just for the variety and quantity of cultures and cultural heritage – which has doubled with recent enlargements. But also for the possibilities for interaction between these different cultures.

Europe is, and should remain, an open continent. Our citizens are now able to move around their Union more than ever – for tourism, trade and work. And they are keen to do so. This is throwing up new shades and nuances in the cultural life of Europe. And the same can also be said for migrants who come to Europe and add to this lively mix.

By engaging with others we not only heighten our sense of European identity. We also heighten our awareness of ourselves, enriching our other, local, regional, and national identities.

**Languages for Social Cohesion**

But living with difference requires effort and investment. Otherwise it can become a source of tension and even conflict. This is why we made 2008 the European Year of Intercultural Dialogue. European citizens need to be able to deal with a more open and more complex cultural environment.

And languages can help them achieve this. Just recently my new strategy was adopted by the Commission. And this is one of its major themes. Languages can help us build more cohesive and sustainable societies.

This is partly because by learning a language we become more tolerant, more understanding and more appreciative of difference. These are the kinds of attitude that stop our societies from fragmenting.

But it also comes down to much more concrete needs. Too often in Europe migrants are unable to access the labour market. They cannot participate in the life of the community. And a lack of language skills is the main reason. We call upon member states to provide concrete opportunities for migrants to learn the host country language.

**Our New Strategy**

This is just one aspect of our new strategy. But it gives you a flavour of a wider shift in our thinking.

Because it is true that language is the first expression of identity. And an immense source of cultural richness. But it is equally true that languages offer us many other rewards too. Languages can help us in countless ways. They can help us strengthen our bridges with countries outside Europe; they can provide citizens with more equal access to services and rights.

They can help European firms prosper and give citizens more choice on the job market. And I think these last two points are particularly relevant for Malta.

## Languages and Business

Our recent studies on languages and business send out a clear message. English is, quite simply, no longer enough. Companies need other European languages too – to give them a competitive edge and to take full advantage of the single market. And let us not forget that new economies are emerging across the globe. Soon world languages, like Mandarin Chinese, Arabic and Hindi will be in hot demand.

Many companies are already refusing to employ graduates who only speak English. Not just for the reasons already mentioned. But also because multilingual graduates are seen as more flexible and adaptable, and better suited to multicultural workforces.

## Malta and Languages

The Maltese are exceptionally multilingual. In our 2006 Eurobarometer, 92% of the Maltese surveyed said they could converse in one foreign language. Over two thirds could speak in two languages; and just under a quarter in three.

So I think you will be more than capable of rising to the challenge of becoming proficient in even more languages.

The foundations are already in place. I am deeply impressed by your language learning policies and facilities. This is a point worth highlighting. Because we are looking to bring about exchanges of ideas and practice between Member States. Many other countries could learn a great deal from you.

You are the proof that any nation – big or small – can lead the way in our Union.

And this is true in more than one way. Your skills in other languages have not been gained at the expense of losing your own. Maltese thrives alongside the other major languages of this island – English and Italian. And this sends out a strong message to other countries with a growing dependency on more dominant languages. You have shown that David can co-exist with Goliath! You have shown that multilingualism works!

I know that it has not always been easy. Protecting your heritage requires investment and effort. This is where the work of your forum is so valuable. And this is why I must thank you.

So let me finish by saying: *Grazzi ħafna u viva l-lingwa Maltija!*

# Rapport tal-Ħidma tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (2005-2008)

Olvin Vella

**X'inhu l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

Il-Kunsill tal-Malti twaqqaf tliet snin ilu bil-Liġi tal-Malti approvata unanimament mill-Parlament. Qabel il-Kunsill, il-Malti kienu jieħdu ħsiebu l-għaqdiet volontarji, ewlenija fosthom l-Akkademja. Id-Dipartiment tal-Malti u l-Istitut tal-Lingwistika tal-Università ma kellhomx sehem fit-tfassil tal-politika lingwistika.

Bil-Liġi tal-Malti, l-Akkademja, l-għaqdiet l-oħra tal-Malti, id-Dipartiment tal-Malti u l-Istitut tal-Lingwistika tal-Università, l-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin, id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kienu mitluba jaħtru r-rappreżentant tagħhom fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Il-Kunsill jaħdem minn uffiċċju fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Gvern jagħtih il-fondi kull sena. Il-membri tal-Kunsill, inkluż il-President, ma jirċievu l-ebda ħlas.

Il-Kunsill igawdi minn awtonomija kbira u l-President tiegħu huwa magħżul mill-Prim Ministru minn fost in-nominazzjonijiet mill-Akkademja tal-Malti u mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università.

Il-Kunsill iltaqa' 23 darba.

Mill-ewwel laqgħa il-Kunsill qabel li kellu quddiemu programm kbir xi jwettaq u xtaq li kulħadd jaħdem id f'id. Wara 3 snin ta' ħidma, aħna li tajna sehemna konvinti li kulħadd ta l-aħjar tiegħu u matul it-triq kabbarna l-fiduċja f'xulxin.

Sa mill-bidu nett, il-Kunsill qabel li d-deċiżjonijiet li nieħdu jkunu **maturi** u **serji,** u nxandruhom b'mod **professjonali.** Ħadna d-deċiżjoni konxja li niffokaw qabelxejn fuq il-qagħda tal-Malti f'pajjiżna, għax ma ridniex nispiċċaw aġenzija tat-terminoloġija li taqdi lill-Unjoni Ewropea biss.

**Il-miri tal-Kunsill**

Il-Kunsill qabel li jkollu **miri fit-tul** u **miri fil-qrib**.

Fost il-miri kemxejn imbiegħda nsemmu:

1. stħarriġ tas-sitwazzjoni lingwistika preżenti għax f'ħafna oqsma għad m'għandniex u la stampa ċara u lanqas statistika, u għalhekk bosta għadhom jikkonkludu affarijiet skont l-impressjoni, u
2. il-bini ta' ċentru ta' riżorsi għall-għalliema

Fost il-miri aktar fil-qrib kellna (u qed ngħid kellna, mhux għandna, għax wettaqniehom):

1. L-iżvilupp ta' korsijiet akkademiċi rikonoxxuti mill-Università biex nipprovdu lis-suq tal-pubblikazzjoni b'aktar nies ikkwalifikati fil-Malti. Qabel il-ħolqien tal-Kunsill, min kien irid jippubblika xi ħaġa kellu punt ta' referenza f'xi individwi li kienu magħrufa li jħobbu l-Malti. Dan mhux dejjem kien ifisser li dawn l-individwi kienu kkwalifikati biex jiddeċiedu. Fil-fatt, min hu midħla fil-qasam tal-Malti jaf li għadd ta' drabi dawn l-individwi ma kinux jaqblu bejniethom u kienu joħorġu jattakkaw lil xulxin fil-beraħ. Illum dan kollu għoddu spiċċa.
2. It-trawwim ta' attitudni friska lejn is-sitwazzjoni bilingwi ta' pajjiżna. Ridna niddiżassoċjaw ruħna minn diskors fundamentalista li jġelled il-Malti mal-Ingliż u xandarna l-idea li nikkomunikaw l-ideali tagħna **bil-kelma t-tajba**.
3. Li nerġgħu nagħtu s-saħħa lill-istudjużi kkwalifikati tal-Malti. Ma jistax ikun li min jistudja lsienna b'serjetà ma jkollux leħen fil-politika lingwistika u nħallu lid-dilettanti jitkellmu f'isem kulħadd. M'għadniex ngħixu fiż-żmien li min ma jaqrax ktieb fuq il-lingwa jgħidilna kif għandna nitkellmu. Kulħadd qed jitlob standards għoljin fl-oqsma kollha tal-ħajja, u fil-qasam tal-lingwa l-Kunsill għandu jiggarantixxi l-istandards. Dan ma jfissirx li min qabel kien punt ta' riferenza kien se jingħatalu l-ġenb, imma ġie inkluż fi grupp akbar ta' ħaddiema tal-Malti.

### Il-kumitati tekniċi

Skont il-Liġi, il-Kunsill waqqaf kumitati tat-Terminoloġija, tax-Xandir, tar-Riċerka Lingwistika, tal-Letteratura u tal-Iżvilupp tal-Malti fl-Informatika. L-esperjenza ta' dawn it-tliet snin għallmitna li l-akbar diffikultà li jħabbtu wiċċhom magħha dawn il-kumitati hija li, minħabba l-impenji personali tal-membri, ix-xogħol diffiċli jsir b'regolarità f'dan il-wisa' kollu u fuq medda twila ta' żmien. Diffikultà mhux mistennija kienet li, minħabba l-opportunitajiet li toffri l-Unjoni Ewropea, xi wħud mill-kumitati ma setgħux jieħdu nifs għax matul it-tliet snin tlifna diversi membri li marru jaħdmu barra.

L-għażla tal-membri tal-kumitati saret skont tliet kunsiderazzjonijiet:

1. il-kumitati għandhom ikunu inklużivi
2. jingħażlu nies li lesti jaħdmu mal-oħrajn, u
3. jingħażlu nies li kemm jista' jkun flimkien ikopru l-qasam partikolari kollu.

Minħabba li l-istruttura tal-Kunsill Nazzjonali tinvolvi tliet livelli dipendenti ħafna fuq xulxin, jiġifieri l-Kumitati Tekniċi, il-Kummissjoni Teknika, u l-Kunsill, inħass il-ħin kollu t-toqol ta' din l-istruttura li, bla ma trid, trażżan l-effiċjenza. Hija l-fehma meqjusa tal-Kunsill li proċedura effiċjenti li nistgħu nħaddmu fis-snin li ġejjin hija li nwaqqfu għadd iżgħar ta' kumitati skont il-proġetti tal-Kunsill. Ngħidu aħna, wieħed mill-aktar kumitati li ħadem kien il-Kumitat tal-Varjanti Ortografiċi mwaqqaf *ad hoc* mill-Kunsill. Dan il-kumitat iltaqa' tista' tgħid kull ġimgħa u t-tmien membri taw kontribut attiv skont l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom. Biex ma nsemmux ukoll is-sehem tat-tliet konsulenti li joqogħdu barra minn Malta, li segwew ix-xogħol kollu fuq il-varjanti, xogħol li dam sejjer sena u nofs.

### L-għarfien tal-Kunsill tal-Malti minn entitajiet oħra

Il-Kunsill huwa l-korp li f'għajnejn entitajiet governattivi u kummerċjali, kif ukoll f'għajnejn l-amministrazzjoni ta' pajjiżi barranin, jirrappreżenta l-ilsien Malti. Naturalment, qabel ma twieled il-Kunsill kien hawn l-għaqdiet volontarji li ħabirku għal ilsienna, ewlenija fosthom l-Akkademja. Imma, peress li l-ebda liġi ma kienet tagħraf lill-għaqdiet, entità setgħet tagħmel xi ħaġa li tinfluwenza l-istat tal-Malti mingħajr ma tikkonsulta ma' ħadd. Illum dan m'għadux possibbli. Fil-fatt, barra konsultazzjonijiet oħra ta' kuljum, il-Kunsill tal-Malti:

1. ħa pożizzjoni ċara fil-każ tal-isem tal-munita Ewropea meta deher li l-Bank Ċentrali kien donnu ddeċieda waħdu li isem il-munita għandu jkun il-*euro* [ju:ro]
2. qed jiġi kkonsultat mid-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni qabel ma jingħażlu kotba ġodda tal-Malti għall-iskejjel
3. qed jevalwa proġett elettroniku minn kumpanija multinazzjonali, proġett li għandu jgħin lil kulħadd biex jikteb il-Malti bla żbalji
4. huwa l-punt ta' referenza għall-unitajiet Ewropej tat-traduzzjoni meta ma jaqblux bejniethom.

### Is-sit elettroniku

Is-sit elettroniku tal-Kunsill huwa l-vetrina tax-xogħol tal-Kunsill. Fih issibu l-istediniet li nagħmlu lill-pubbliku biex jieħu sehem fil-konsultazzjonijiet wiesgħa tagħna, inxandru l-fehmiet li tiktbulna b'rabta mas-seminars, u nħabbru l-attivitajiet li jkunu se jsiru 'l quddiem, fosthom il-ftuħ tal-korsijiet akkademiċi ta' kull sena.

Matul dawn it-tliet snin, ir-rappreżentant tal-għaqdiet tal-Malti fil-Kunsill, is-Sur Joseph P. Borg, xandar elettronikament tagħrif fuq il-kotba tal-letteratura li kienu jiġu stampati, u xandar l-avviżi fuq il-konferenzi u fuq is-serati letterarji li organizzaw l-għaqdiet. Bis-saħħa tas-Sur Borg, il-ħbieb kollha tal-Malti li għandhom aċċess għall-internet jiġu aġġornati kuljum b'li jkun qed jiġri.

L-inizjattiva ta' dan il-membru ħabrieki wriet kemm xogħol itellgħu l-għaqdiet tal-Malti. L-inizjattiva tiegħu għenet qatigħ biex titrawwem atmosfera dħulija fost il-ħaddiema tal-Malti u lkoll nistgħu nixhdu li regolarment konna niġu kkonsultati biex l-attività ta' xi għaqda ma taħbatx ma' attività ta' għaqda oħra.

Is-Sur Borg ħejja wkoll ktejjeb bit-tagħrif fuq l-għaqdiet tal-Malti u fadal biss li nikkonfermawh mal-għaqdiet infushom biex nippubblikawh.

### Bil-Kelma t-Tajba

Il-Kunsill xandar kolonna fit-tliet gazzetti *It-Torċa, Il-Mument* u *Il-Ġens illum* intitolata "Bil-Kelma t-Tajba". Dil-kolonna kienet l-ewwel ixxandar imġiba lingwistika xierqa u mbagħad tfisser xi problema lingwistika komuni. It-temi li ġew koperti jinkludu l-vantaġġ li jkollna soċjetà tabilħaqq bilingwi u r-rispett li jixraqlu l-ilsien Malti bħala l-ilsien nazzjonali ta' Malta u lsien uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Minħabba s-suċċess ta' din il-kolonna, il-Kunsill se jxandar is-sensiela ta' 22 artiklu tal-Prof. Manwel Mifsud fi ktejjeb apposta.

## Ċertifikat għall-Qarrejja tal-Provi

Sa ftit tas-snin ilu, meta xi awtur serju kien jiġi biex jippubblika l-ktieb tiegħu, ġieli kien ifittex li jgħaddi l-manuskritt lil xi għalliem magħruf biex jaqralu l-provi. Din l-inizjattiva, kif nafu lkoll, ma kienx joħodha kulħadd. Fil-fatt kulħadd iltaqa' xi darba jew oħra ma' pubblikazzjoni miżgħuda żbalji.

Ir-reazzjoni tal-Kunsill quddiem din is-sitwazzjoni kienet qawwija u sħiħa. Anki għaliex fl-aħħar snin bosta entitajiet kummerċjali bdew jagħżlu li jwasslu l-pubbliċità tagħhom bil-Malti u ma ridniex li xi ħadd joħroġ jattakkahom minħabba l-iżbalji tal-Malti. Aħna anzi rridu li meta kumpanija tagħżel li tikkomunika bl-ilsien Malti nserrħulha rasha li se ssib nies ikkwalifikati fi lsienna matul l-istadji kollha.

Għalhekk il-Kunsill ftiehem mal-Università biex jiftaħ kors kull sena li jwassal lill-istudenti biex jiksbu ċ-Ċertifikat fil-Qari tal-Provi. S'issa diġà ggradwaw 60 ruħ minn żewġ korsijiet. Bħalissa għaddej it-tielet kors, u fih għandna 40 student, 5 minnhom ġurnalisti. U xahar ieħor se tirċievu mingħandna l-avviż u l-katalgu tar-raba' kors.

Dawn il-qarrejja tal-provi ġodda u kkwalifikati jinkludu ħaddiema tal-Gvern, avukati, awdituri, spiżjara, bankiera u fuq kollox ġurnalisti u xandara. Hija xewqa kbira tal-Kunsill li ġurnalisti oħra jieħdu l-eżempju tal-ħamsa li qed jattendu l-kors bħalissa: biex inkunulhom ta' għajnuna se nċaqalqu l-ġranet tal-kors, il-lezzjoni tal-Ġimgħa se nagħmluha l-Ħamis biex il-ġurnalisti li jaħdmu mal-gazzetti tal-Ħadd ikunu jistgħu jattendu bla pressjoni żejda. Fuq suġġeriment tas-Sur Mario Schiavone, ir-rappreżentant tal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin fil-Kunsill tal-Malti, il-Kunsill u l-Awtorità tax-Xandir ftiehmu li jisponsorizzaw mija fil-mija lill-ġurnalisti kollha li jixtiequ jattendu dan il-kors.

Min jikkwalifika miċ-Ċertifikat tal-Qari tal-Provi, barra li jirċievi Ċertifikat Universitarju, ikun magħruf uffiċjalment mill-Kunsill u ismu jitpoġġa fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill; nistampaw ukoll ismu u l-kuntatti tiegħu u nibagħtuhom lid-dipartimenti tal-gvern u lill-kumpaniji tad-tradutturi biex ngħarrfuhom. Minħabba s-suċċess ta' dan il-kors hemm il-ħsieb li fi ftit snin oħra niżviluppawh f'Diploma li fiha t-tagħlim jinżel iktar fil-fond fl-istrutturi grammatikali, sintattiċi u idjomatiċi tal-Malti.

## L-iskola tal-Malti għall-barranin

Fil-Kunsill sikwit nirċievu talbiet minn persuni barranin li jixtiequ jitgħallmu l-Malti biex isiru korsijiet li jgawdu akkreditazzjoni internazzjonali. Għalhekk il-Kunsill ta l-appoġġ materjali, finanzjarju u morali lil kors ġdid għat-tagħlim tal-Malti lill-barranin organizzat mill-Università u li mill-ewwel ġibed 40 parteċipant. Dan il-kors huwa maħsub, fost l-oħrajn, għal dawk il-barranin li jaħdmu Malta u li għalihom huwa importanti ħafna li jkunu jafu lsienna biex jintegraw b'mod sħiħ fis-soċjetà.

## Ix-xandir

Bosta jaqblu li l-ħila espressiva tal-ġurnalisti u x-xandara għadha ma laħqitx il-livelli mixtieqa. Għalhekk il-Kunsill tal-Malti u l-Awtorità tax-Xandir ftiehmu kif jistgħu jaħdmu id f'id biex jitjieb il-livell tal-ilsien Malti fix-xandir. Fost l-oħrajn il-Kunsill u l-Awtorità ftiehmu fuq sensiela ta' miżuri prattiċi biex jitjieb l-użu tal-

Malti. Dawn il-miżuri se jitħabbru f'Diċembru li ġej u wasal għalihom kumitat maħtur mill-Awtorità tax-Xandir wara konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Malti fis-sajf li għadda.

**Kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali**

Wara li konna rċivejna lment li ċ-ċitazzjonijiet maħruġin mill-gwardjani lokali mhumiex miktubin b'Malti sew, ikkuntattjajna lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Barra li l-istaff tad-Dipartiment qabel li jikkoreġi kull fejn kien miktub żbaljat, huwa talab kors qasir ta' aġġornament fuq il-kitba Maltija.

Din l-inizjattiva tad-Dipartiment kinitilna eżempju ta' kif jimxi dipartiment serju tal-Gvern. Mhux biss ġie l-istaff biex jitħarreġ fil-kitba Maltija, imma talli t-taħriġ ġie offrut lis-segretarji eżekuttivi tal-kunsilli lokali ta' Malta u Għawdex. Meta rajna dil-ħeġġa kollha min-naħa tad-Dipartiment, qabbadna lill-istudenti taċ-Ċertifikat tal-Qari tal-Provi biex bħala parti mill-proġett finali tagħhom jikkoreġu r-rivisti li joħorġu l-kunsilli lokali u li jitqassmu fid-djar kollha ta' kull lokalità. Ix-xogħol ikkoreġut li pproduċew l-istudenti ġie offrut lill-edituri tar-rivisti tal-kunsilli f'seminars organizzati bi sħab bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali, biex jagħrfu fejn qed jiżbaljaw u jsewwu kitbithom. Riżultat ieħor ta' din il-koperazzjoni kien li għadd ta' edituri tar-rivisti tal-kunsilli lokali issa qed jattendu għall-kors tal-qari tal-provi.

Din il-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ korpi governattivi tawgura aktar ħidma produttiva. Il-pass li jmiss huwa l-istandardizzar tal-ismijiet tal-bliet u r-rħula Maltin, li 'k Alla jrid għad jidħlu fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali. B'rabta mal-ismijiet tal-bliet u r-rħula bil-Malti nistgħu nżidu li rappreżentanti tal-Kunsill ħadmu mal-Maltapost fuq ir-reviżjoni tal-kodiċi postali biex, sa fejn kien possibbli, il-kodiċi jkun jirrifletti l-forma tal-isem bil-Malti.

**Innaqqsu l-Inċertezzi 1: il-varjanti ortografiċi**

Problema li kienet ilha tħabbat lil kull min jikteb bil-Malti hija tal-varjanti ortografiċi, jiġifieri kliem bħal *filgħodu* (bis-sing jew mingħajru), *mhumiex* (bl-appostrofu jew mingħajru), *Awwissu* (b'doppja w jew b'waħda). Dan kliem li llissnuh l-istess imma konna nistgħu niktbuh b'żewġ forom jew aktar. Dawn il-varjanti kienu qegħdin ifixklu lil kull min jikteb bil-Malti – l-aktar bil-mezzi elettroniċi ġodda – u lil kull min jaħdem fi grupp, ngħidu aħna t-tradutturi u l-qarrejja tal-provi. Tistgħu tapprezzaw kemm hi sitwazzjoni frustranti meta reviżur jikkoreġilek kelma li inti taf li kienet tajba oriġinarjament imma li hu, ir-reviżur, personalment kien jippreferi l-oħra. Il-Kunsill qabbad lis-Sur George Farrugia biex jiġbor il-varjanti mid-dizzjunarji u minn dokumenti oħra u fil-fatt ġabar madwar 300 varjant ortografiku. Dan ix-xogħol tal-ġbir sar b'konsultazzjoni ma' tradutturi u għalliema u ħa 'l fuq minn sena biex jitlesta. Il-ġabra mbagħad bgħatnieha lil għadd ta' nies intiżi fis-suġġett u stidinniehom jiktbu fuqha, bil-ħsieb li l-udjenza li tattendi s-seminar nazzjonali ftit ġimgħat wara jkollha diġà ġabra ta' fehmiet imfissra fid-dettall. Dawn il-fehmiet stampajniehom fi ktieb apposta li qassamnieh b'xejn matul is-seminar li kien sar il-Victoria Hotel. Il-ġabra tal-varjanti tellajnieha wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill biex tkun aċċessibbli. Is-seminar kellu jservi biex niġbru kummenti u suġġerimenti oħra mingħand

l-udjenza. L-istedina għas-seminar bgħatnieha lil madwar elfejn ruħ. Għall-kuntrarju ta' żminijiet imgħoddija, id-deċiżjonijiet ma kinux se jittieħdu waqt is-seminar bir-refgħa tal-id tal-preżenti kollha imma kellhom jittieħdu bil-kalma minn grupp ta' persuni l-aktar ikkwalifikati. Fil-fatt id-diskussjoni bejn l-esperti damet madwar sena u nofs. Xogħol bħal dan jieħu fit-tul minħabba li huwa xogħol ta' reqqa kbira, għax l-għażliet iridu jkunu bbażati fuq kriterji lingwistiċi, il-konswetudni u l-frekwenza attwali.

Matul is-sena u nofs ta' ħidma fuq id-Deċiżjonijiet, ix-xogħol dejjem baqa' għaddej b'ritmu regolari u b'effiċjenza. B'kollox saru 31 laqgħa.

Id-deċiżjonijiet tal-grupp tal-esperti tressqu quddiem il-Kunsill tal-Malti biex il-Kunsill jerġa' jgħarbilhom u, jekk jaqbel magħhom, japprovahom. Id-deċiżjonijiet ġew approvati wara diskussjoni twila li kienet tinkludi strateġija kif kellna nwassluhom lill-pubbliku. Ġie deċiż li niltaqgħu mal-għalliema tal-primarja u tas-sekondarja, mal-ġenituri tal-istudenti, mat-tradutturi u l-qarrejja tal-provi, mal-ġurnalisti, mal-kittieba, mal-pubblikaturi, u mal-pubbliku.

Wara li kkonsulta mal-korpi li jeżaminaw u ma' pubblikaturi bil-ħsieb li ħadd ma jbati dannu waqt il-proċess tal-bidla, il-Kunsill iddeċieda li r-regoli l-antiki jibqgħu ttollerati għal tliet snin minn meta r-regoli l-ġodda jkunu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern, jiġifieri l-istudenti mhux se jiġu ppenalizzati fl-eżamijiet jekk jibqgħu jużawhom sas-sajf tal-2011. F'dan il-perijodu l-Kunsill se jaħdem kemm jista' biex bla telf ta' żmien ixerred u jgħallem ir-regoli l-ġodda.

S'issa ltqajna mal-għalliema tas-sekondarja, mat-tradutturi tal-UE fil-Lussemburgu, ma' wħud mid-djar tal-istampa u mal-qarrejja tal-provi.

F'Jannar se nibdew niltaqgħu mal-ġenituri tal-istudenti. Se nibdew mill-iskola primarja ta' Wied il-Għajn. Mal-għalliema tal-primarja kulleġġ kulleġġ se nibdew niltaqgħu f'Marzu. Ftehemna mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb biex norganizzaw laqgħa flimkien għall-kittieba u l-pubblikaturi.

Minkejja l-perijodu ta' 3 snin li semmejt, illum wara inqas minn 4 xhur ir-regoli diġà huma osservati u applikati fil-pubblikazzjonijiet tal-gazzetti, tat-tradutturi tal-UE, tal-Akkademja tal-Malti, tal-Knisja, u ta' atturi ewlenin fit-tħaddim tal-Malti.

**Innaqqsu l-Inċertezzi 2:**
**il-kitba tal-kliem ta' nisel Ingliż fil-Malti**

Fir-regoli tal-kitba Maltija għandna regola li tgħid li kliem missellef minn ilsien barrani li jkun daħal sew fil-Malti għandu jinkiteb fonetikament. Hija regola li għandha 24 sena. Din ir-regola tħalli arbitrarjetà kbira minħabba li mhux kulħadd jaqbel dwar meta kelma partikulari tkun daħlet tabilħaqq fi lsienna.

Biex innaqqsu dawn l-inċertezzi fil-kitba, il-Kunsill mexa fuq il-pjan imħaddem fl-ewwel seminar, billi dan kien mexa ħarir. Bl-għajnuna tal-istudenti tal-qari tal-provi ġbarna l-kliem ta' nisel Ingliż li deher stampat f'*L-Orizzont* matul xahar sħiħ u dil-ġabra, imbagħad, bgħatnieha lil għadd ta' persuni li s-soltu jiktbu fuq is-suġġett biex jagħtuna l-opinjoni meqjusa tagħhom. Dawn l-opinjonijiet (35) ġbarniehom fi ktieb li reġa' tqassam b'xejn fis-seminar.

Is-seminar kien suċċess kbir. Dan jixhduh 'il fuq minn 300 ruħ li attendew fil-Coastline Hotel u li faħħru l-organizzazzjoni professjonali. Din l-attività kienet segwita ħafna mill-midja, fosthom bi programmi ewlenin fuq it-televixin.

### Laqgħat mat-tradutturi tal-Unjoni Ewropea

Fuq stedina tal-unitajiet Maltin tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, rappreżentanti tal-Kunsill iltaqgħu tliet darbiet mat-tradutturi Maltin li jaħdmu l-Lussemburgu u Brussell, li kellhom attendenza qawwija. Matul dawn is-seminars, ngħataw taħditiet dwar l-iżvilupp kreattiv fil-lingwa, u sar xogħol ta' tisħiħ u aġġornament fir-regoli tal-ortografija. Kien hemm ukoll diskussjonijiet mal-kapijiet tat-taqsimiet tat-traduzzjoni dwar diffikultajiet eżistenti u koperazzjoni iktar mill-qrib. Kien f'dawn il-laqgħat li saret it-talba biex il-Kunsill jiddeċiedi fuq il-varjanti biex niksbu l-uniformità.

### Laqgħat mal-għalliema u mal-ġenituri

Is-sajf li għadda l-Kunsill organizza żewġ korsijiet volontarji għall-għalliema tas-sekondarja. Għalkemm kienu organizzati waqt il-vaganzi, l-attendenza fiż-żewġ korsijiet qabżet il-160 ruħ f'Lulju u s-60 ruħ f'Settembru.

L-għan ewlieni tal-kors kien li l-għalliema jiġu aġġornati dwar l-aħħar żviluppi fl-ortografija tal-Malti.

Fil-korsijiet tfissru r-regoli l-ġodda u kif jistgħu jintgħallmu bla tbatija. Fuq kollox ġie ċċarat li, għalkemm il-forom deċiżi kulħadd jaqbillu jibda jgħallimhom minn issa, it-tranżizzjoni se ddum tliet snin.

Minn Marzu li ġej il-Kunsill se jiltaqa' mal-għalliema kollha tal-iskejjel primarji. Dawn l-għalliema se jintlaħqu kulleġġ kulleġġ. L-ewwel ma jmisshom l-għalliema Għawdxin. Din il-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u d-Direttorat tal-Edukazzjoni ngħatatilha spinta kbira 'l quddiem bil-ħatra tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni l-ġdid tal-Malti, is-Sur David Agius Muscat.

### Konferenza nazzjonali fuq il-Malti fl-informatika

Il-Kunsill organizza konferenza internazzjonali dwar il-qagħda tal-Malti fl-informatika. Jinħass li hawn wisq nies jaħdmu għal rashom u ħadd ma jaf jekk ix-xogħol li jkunu qed jagħmlu jkunx fi ħsieb ħaddieħor. Wieħed mill-għanijiet tal-konferenza kien li nlaqqgħu lil dawn il-ħaddiema flimkien biex ma naħlux ir-riżorsi marbutin mal-ilsien Malti u nistimulaw koperazzjoni ġdida bejn nies li s'issa ħadmu kulħadd għal rasu.

Bis-saħħa ta' din il-konferenza u bl-inizjattiva ta' Dr Ray Fabri sar kuntatt importanti bejn il-Microsoft u l-Kunsill tal-Malti. Minħabba li bosta użaturi tal-kompjuter jagħżlu l-Windows, kien fl-interess tagħna li niġu aġġornati fuq l-istrateġija tal-Microsoft b'rabta mal-Malti minħabba l-effett kbir li kull deċiżjoni ta' din il-kumpanija multinazzjonali jkollha fuq il-kitba bi lsienna. Għall-inqas ninsabu f'pożizzjoni li kif ninnutaw xi ħaġa ħażina f'xi proġett minn tagħhom ninfurmawhom biha biex jibdluha fil-ħin.

**Il-festival internazzjonali tan-novella**

Waħda mill-ewwel attivitajiet tal-Kunsill kienet l-organizzazzjoni tal-festival internazzjonali tan-novella, li dam sejjer tlitt ijiem. Ħadu sehem tliet awturi barranin, fosthom il-Maltija-Awstraljana, Lou Drofenik, u sitt awturi Maltin: Paul P. Borg, Trevor Żahra, Joe Friggieri, Immanuel Mifsud, Clare Azzopardi u Bernard Micallef. Għalkemm l-istandard tal-festival kien għoli, il-parteċipazzjoni pubblika kienet fqira. Il-Kunsill iħoss li idealment festival bħal dan jista' jkun organizzat mill-għaqdiet flimkien.

**Għajnuniet**

Il-Kunsill jirċievi talbiet għall-għajnuna finanzjarja mingħand persuni jew entitajiet differenti. Meta l-Kunsill jagħraf li l-proġetti mressqa quddiemu jkunu serji, siewja u fuq kollox ta' kontribut uniku għax jagħtu eżempju ta' prattika tajba, il-Kunsill jgħin bil-qalb kollha. Mid-diskussjonijiet li jsiru fil-Kunsill joħroġ ċar li issa hemm bżonn nistabbilixxu sett ta' prijoritajiet ċari biex ikunu kkunsidrati t-talbiet u b'hekk inkunu nistgħu nagħżlu aħjar dawk it-talbiet li tassew ikun jixirqilhom għajnuna mill-Kunsill.

**Inħarsu 'l quddiem**

***Proġetti bi sħab mal-għaqdiet tal-Malti***

Wieħed mill-proġetti li jistgħu jitwettqu mal-għaqdiet u li konna bdejna naħdmu fuqu huwa li nitolbu lil kull għaqda tadotta awtur jew tnejn li jkunu marbutin magħha u li jkunu ħadmu f'xi qasam tal-ilsien Malti u torganizza tifkira tagħhom. B'dan il-mod niżguraw li dawn il-persuni jitfakkru kull sena. Jista' jitfassal kalendarju apposta biex dawn l-anniversarji ma jinqabżux u t-tifkira ta' dawn il-kittieba ewlenin timxi magħna matul is-sena.

***Fuljett fuq it-tipi Maltin tal-kompjuter***

Il-kumitat tekniku tal-informatika ħadem u dalwaqt iqassam fuljett li fih imfisser kif tista' tittajpja bil-Malti fil-programmi kollha tal-kompjuter, ħaġa li ħafna nies għadhom ma jafux jagħmluha, imqar jekk jixtiequ. Dan il-fuljett jiswa lil kulħadd għax ifisser b'mod dħuli, ħafif u ċar it-tħaddim tat-tipi bil-Malti. Saru wkoll taħditiet ma' min hu responsabbli mit-tagħlim tal-kompjuter fl-iskejjel biex dan it-tagħlim jidħol fil-programm regolari tal-kompjuter. Dawn it-taħditiet ġew interrotti minħabba f'tibdil fil-personal, imma beħsiebna nkompluhom mill-aktar fis.

***Formularju***

Il-Kunsill beda jfassal ktejjeb li jkun formularju ta' sitwazzjonijiet differenti li fihom tista' tikteb bil-Malti, u li jservi ta' mera għal min jixtieq, imma għadu jibża', jikteb bi lsienu. Qed nitkellmu fuq inviti tat-tiġijiet, noti ta' sogħba, ittra formali, riċetti tat-tisjir, santi tal-preċett, santi tal-mejtin, indirizzi, il-mod kif għandek tindirizza lil persuni diversi, irċevuti, sinjali li jitwaħħlu mal-bibien, kartolini, eċċ. F'dawn kollha, l-użu ta' Malti sabiħ u dirett jista' jintgħaġen mas-sentiment marbut mal-okkażjoni. Il-Kunsill qabel li l-kliem tal-formularju jkun aċċessibbli fuq is-sit elettroniku biex ikun jista' jitniżżel liberament u jintuża minn kull min ikollu bżonnu.

Ittieħdet id-deċiżjoni li nesploraw kienx possibbli nippubblikaw kartolini tal-Milied ta' kwalità għolja bil-Malti. Il-pubbliku ħsibna li ninvolvuh billi nniedu kompetizzjonijiet għall-aħjar kitba. Wara stħarriġ preliminari sibna li din l-inizjattiva ma kinitx se tkun vijabbli finanzjarjament. Għalhekk dorna għall-għajnuna tal-Maltapost biex il-proġett naħdmuh bi sħab. Madankollu ġejna mgħarrfa

li, minħabba ċ-ċokon tas-suq u minħabba li l-konsum tal-kartolini tal-Milied ukoll intlaqat negattivament mill-użu tal-kartolini elettroniċi, immedjati u b'xejn, dan il-proġett kellna nabbandunawh.

### *Ċentru ta' Riżorsi għall-Għalliema*

L-idea li naħdmu f'din id-direzzjoni, bl-għajnuna wkoll tad-Dipartiment tal-Malti, l-Istitut tal-Lingwistika u l-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università, għalissa għadha biss xewqa li titlob impenn u li għalissa ma sibniex ħin insegwuha. Madankollu l-investimenti kbar li qed isiru mid-djar tal-pubblikazzjonijiet u l-attività li nibtet fost għadd ta' għalliema impenjati jindikaw li t-twaqqif ta' dan iċ-Ċentru ma jdumx ma jsir prijorità kbira.

### *Id-Dizzjunarju tal-Malti fuq l-Internet*

Bdejna nesploraw il-possibbiltà li l-Malti, bħal lingwi oħra, ikollu dizzjunarju kbir u serju *online*. Sa jumejn ilu konna qed niddiskutu l-idea mal-Kummissarju Orban u l-possibbiltà ta' għajnuna mill-UE għal dan il-proġett li jitlob ħafna esperjenza kemm lessikografika u kemm teknika. Biex nilħqu l-għan tagħna kkuntattjajna lill-Università u tlabnieha torganizza kors fuq il-lessikografija biex inħarrġu professjonalment liż-żgħażagħ li telgħin f'din is-sengħa tant meħtieġa u apprezzata. Dan il-kors, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu, aktarx jibda fi Frar li ġej.

### *Sħubija fl-EFNIL*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Malti għadu kemm issieħeb fil-Federazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tal-Lingwa. (Bħalissa dil-federazzjoni qed tiltaqa' Liżbona u hemm jirrappreżentawna l-Prof. Albert Borg u s-Sur George Farrugia, is-Segretarju.) Il-laqgħat ma' kunsilli nazzjonali bħal tagħna jiswewlna mhux ftit biex naraw x'qed isir f'pajjiżi oħra u x'esperjenzi nistgħu nitgħallmu minnhom għalina. Jistgħu joffrulna wkoll opportunità unika biex nissieħbu ma' ħaddieħor fi proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Għax jekk nibqgħu iżolati ma nistgħux niksbu fondi mill-UE, imma jekk nipparteċipaw fi proġetti ma' dawn il-kunsilli nazzjonali nistgħu nibbenefikaw vokazzjonalment, finanzjarjament u kwalitattivament.

### *Is-senjaletika*

Bosta sinjali li jwaħħlu d-dipartimenti tal-Gvern madwar il-pajjiż għadhom bl-Ingliż biss. Il-Kunsill jista' jagħmel pressjoni kbira biex is-senjaletika ssir bilingwi imma qabel ma jagħmel dan irid jaħdem iktar fuq it-traduzzjonijiet u t-terminoloġija. Ngħidu aħna, qabel ma nitkellmu mal-awtorità tal-isptar Mater Dei biex jagħmlu senjaletika bilingwi, irid ikollna t-termini xjentifiċi kollha bil-Malti approvati.

Bdejna l-kuntatti tagħna biex nersqu lejn il-bdil tal-ismijiet tal-lokalitajiet Maltin, li l-ismijiet li kienu ngħatawlhom fil-liġi ma jirriflettux sewwa l-użu tal-Maltin. Qed ngħidu għaż-żieda tal-artiklu quddiem xi wħud minnhom (il-Ħamrun, iż-Żejtun) u l-kelma Ħal quddiem oħrajn (Ħaż-Żabbar, Ħal Balzan). Din hija azzjoni li titlob bidla fil-liġi ta' Malta. Il-Kunsill beħsiebu jissokta bil-kuntatti u jirfed din l-azzjoni b'pubblikazzjoni popolari b'tagħrif dwar l-istorja u l-użu ta' dawn l-ismijiet.

### *L-ismijiet ta' pajjiżi barranin*

Kemm il-PBS kif ukoll l-unitajiet differenti tat-tradutturi tal-Unjoni Ewropea talbu lill-Kunsill lista tal-ismijiet uffiċjali tal-pajjiżi u tal-bliet kapitali. Ix-xogħol fuq din il-lista mexa 'l quddiem ħafna u meta se nippreżentawha se ninkludu l-ortografija Maltija korretta, indikazzjoni tal-aċċenti, l-ekwivalenti bl-Alfabett Fonetiku Internazzjonali, kollox akkompanjat minn diska kompatta bil-pronunzja ta' dawn l-ismijiet, biex wieħed ikun jaf eżatt kif għandu jippronunzjahom.

### Għeluq

Dawn it-tliet snin kienu żmien imqanqal għall-Kunsill tal-Malti. Matulhom il-Malti gawda mill-ħidma ta' tim imdaqqas li ħadem ġenerożament u b'entużjażmu biex itejjeb il-qagħda tal-ilsien għażiż tagħna. Is-saħħa ta' dan it-tim tajtuhielu intom li ġejtu għall-attivitajiet li organizza u qawwejtulu qalbu bil-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom. F'isem il-Kunsill nirringrazzjakom tal-appoġġ kontinwu tagħkom u nistedinkom biex tkomplu ssegwu x-xogħol tal-Kunsill fis-snin li ġejjin, Kunsill determinat li jibqa' inkluživ, dedikat u ġeneruż.

# Il-Viżjoni tal-Kunsill tal-Malti

Manwel Mifsud

Il-Kunsill li llum qegħdin niżnu u nagħlqu l-ewwel terminu tiegħu ma nibitx f'daqqa. Qablu kien hemm tentattivi oħra li diġà kienu juru l-ħtieġa tiegħu. Kienu prekursuri li għomorhom kien qasir, imma xorta jixirqilhom jissemmew għax hawn ħadd ma jivvinta xejn mix-xejn: nibnu fuq xulxin u ma' xulxin: din hija s-saħħa tagħna. Insemmi t-tentattiv ta' Liġi għall-Malti mressaq mill-President Emeritu Dr Ugo Mifsud Bonnici, ħabib kbir tal-Malti, meta kien Ministru tal-Edukazzjoni. Żmien qablu kien hemm ukoll il-Kumitat Ċentrali tal-Malti li twaqqaf biex jgħaqqad l-għaqdiet volontarji tal-Malti. Minn żmien għal żmien kienu bosta l-persuni (fosthom il-mibki Franz Mifsud) li b'kitbithom urew ix-xewqa li titwaqqaf awtorità lingwistika għal ilsienna. Għax l-għaqdiet tal-Malti kienu jagħmlu ħafna, u ta' dan ħaqqhom l-ikbar ġieħ, imma ma' viżjoni verament nazzjonali ma setgħux ilaħħqu.

Jekk wara ħafna tentattivi li mietu fuq ommhom dan il-Kunsill żamm sod fuq saqajh u Alla jbierku dejjem jikber, xi raġuni jrid ikun hemm, u żgur mhijiex li aħna speċjali. Hemm li ż-żmien isajru l-bajtar, u ż-żmien xieraq kien wasal. Hemm li kien qed jinħass kemm oqsma tal-ħajja li jużaw il-Malti m'aħniex illaħħqu magħhom u kemm oħrajn il-Malti għadu lanqas biss rifes fihom. Hemm ukoll li kien hemm rieda politika li emmnet tassew u fasslet bis-sod u mhux nofs qalb kif din il-ħaġa sseħħ, u hawn qed ngħid għall-Onor. Dr Louis Galea, l-i*Speaker* tal-Parlament, li aktarx li, kieku ma kienx għalih, ma aħniex hawnhekk dalgħodu. U hemm ukoll, u fuq kollox, ir-rieda qawwija, ir-ras iebsa, il-ħolma ma taqta' xejn lejl u nhar ta' grupp żgħir li ħadem bla waqfien u ma ra xejn tqil sakemm wasal għat-twettiq ta' din il-ħolma.

Fir-Rapport tiegħu *Strateġija għal-Lingwa Nazzjonali*, il-Bord li kien twaqqaf mill-Gvern biex jistudja l-qagħda ta' lsienna ssuġġerixxa Liġi tal-Malti li tkun tagħtih ir-rifda u l-promozzjoni meħtieġa, u biex dan ma jibqax kliem fil-vojt issuġġerixxa wkoll it-twaqqif ta' Kunsill Nazzjonali li jkun jista' jara li dak li twiegħed il-Liġi jitwettaq.

Il-Liġi għaddiet mill-Parlament b'mod unanimu, u l-Kunsill twaqqaf f'April tal-2005, sewwasew f'din is-sala. Niftakar li dakinhar, lil hinn mid-diskors formali u x-xewqat sbieħ, f'qalbi kelli xewqa qawwija u mistoqsija kbira dwar x'għad ikun il-futur ta' dan il-proġett nazzjonali għall-ilsien li tant inħobbu. Se jirnexxilna nkomplu nbaħħru meta jiġi l-mewġ oħxon? Se nagħrfu naħdmu flimkien bl-armonija? Fuq kollox, x'se jfisser dan għall-poplu li, barra minn dis-sala u

barra miċ-ċrieki "tal-Malti", għandu tant ħtiġijiet lingwistiċi urġenti u qed jistenna li xi ħadd jissodisfahomlu? Dawn huma l-istess mistoqsijiet li qed nagħmlu dalgħodu, wara tliet snin u nofs mill-bidu ta' din l-esperjenza ġdida.

Jidhirli li t-twaqqif tal-Kunsill kien pass ġdid u importanti fl-istorja ta' lsienna, għal dawn ir-raġunijiet:

1. Għall-ewwel darba, flok fittixna li niddiżassoċjaw ruħna mill-Istat bil-biża' ta' ndħil fi kwistjonijiet lingwistiċi, ippretendejna li l-Istat jieħu l-kura tal-Malti bħala wieħed mid-dmirijiet tiegħu, għax l-ilsien Malti huwa tassew qasam nazzjonali importanti u jrid jiġi magħruf bħala tali; fil-fatt, fil-Liġi l-Gvern qed jintrabat li jgħin u jippromwovi l-Malti.
2. Għall-ewwel darba, ksibna għall-inqas il-prinċipju li – barra milli jagħti l-appoġġ importanti tiegħu bl-istqarrijiet – il-Gvern jgħin materjalment u finanzjarjament fl-iżvilupp tal-ilsien nazzjonali, kif jagħti baġit lil kull qasam importanti tal-ħajja taċ-ċittadin.
3. Il-prinċipju ssarraf f'għajnuna li, għalkemm mhix kbira kif nixtiquha u kif imissha tkun, hija għajnuna li l-promuturi tal-Malti qatt ma kienu gawdew qabel: post bħala ċentru, baġit żgħir biex nibdew, u s-servizz ta' Direttur Eżekuttiv *full time* u (għalkemm din s'issa ma kinitx kontinwa) ta' segretarju/a *full time* wkoll.
4. U forsi l-iktar importanti, dan kollu nkiseb b'kundizzjonijiet li jassiguraw l-awtonomija tal-Kunsill kemm fl-għażla tal-membri kif ukoll fid-deċiżjonijiet ta' politika lingwistika (il-ħatra tal-President, ngħidu aħna, issir mill-Prim Ministru, imma tista' taqa' biss fuq il-persuni li jkunu nnominaw l-Akkademja tal-Malti u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università, li b'hekk jiġu għandhom il-vuċi kollha f'din l-għażla).

U hekk tlaqna għal għonq it-triq f'din l-avventura ġdida, megħjunin minn dawn il-vantaġġi, imma mgħobbijin ukoll b'bosta żvantaġġi, ewlenin fosthom:

1. L-isfiduċja u l-qtigħ il-qalb li takkumpanja lil kull min jibda xi ħaġa ġdida – qalulna: U iva, ħafna entużjażmu għal ftit xhur, nar tat-tiben!
2. L-għejdut idur dejjem madwarna li se jiżdied il-ġlied, għax donnha hija tradizzjoni li l-ħbieb tal-Malti jridu jkunu fl-istess ħin għedewwa ta' xulxin.
3. U, biex inqerr magħkom, it-tnassis (għall-imħabba tal-Malti) ta' xi ftit li qalu li qed inħottu l-Akkademja (u dan meta, kif fissirt, il-Kunsill għandu sieq waħda mistrieħa sewwasew fuq l-esperjenza u l-impenn ġenwin ta' din l-eqdem u l-egħżeż għaqda tal-Malti).

Iva, b'din l-ixkora mħallta fuq spallejna, tlaqna għal għonq it-triq.

Il-Kunsill il-ġdid qiegħed quddiemu miri u metodi ċari. Ippermettuli naqralkom silta mill-ittra li jien, bħala President, bgħatt lill-kapijiet tal-kumitati mal-bidu tax-xogħol tagħna.

*"Qabel ma nibdew naħdmu flimkien, nixtieq inwasslilkom tliet prinċipji li kienu sa mill-bidu tat-tifsil tal-Liġi tal-Malti u li l-Kunsill qed jagħtihom importanza kbira. Nixtieqek iżżommhom f'moħħok biex jispirawk fix-xogħol kollu tiegħek fi ħdan il-Kunsill:*

1. *Inkunu serji. Il-kwalità trid tidher fix-xogħol tagħna u f'kulma nippreżentaw lill-poplu Malti. Irridu nżommu livelli internazzjonali, mhux biex nimitawhom bl-amment imma biex jispirawna bis-serjetà tagħhom. Il-medjokrità ma għandux ikollha post fostna, għax il-kredibilità u l-awtorità tagħna trid tiġi mill-idea għolja li n-nies ikollhom fuqna bħala nies tal-affari tagħna.*
2. *Inkunu inklużivi. Għalkemm aħna qed naħdmu volontarjament, il-Kunsill mhuwiex "għaqda volontarja" għax bħala Kunsill Nazzjonali rridu nagħtu kont lill-poplu. Dan il-proġett mhux tagħna biss, imma tal-Maltin kollha. Għalhekk għandu dritt iħossu parti minna kull min għandu l-Malti għal qalbu u jipprova jħaddmu bl-aħjar mod fil-ħajja tiegħu ta' kuljum, imma wkoll min ma jaqbilx magħna, min jaraha mod ieħor, min għadu mhux konvint. Fil-pjanijiet tagħna rridu ninkludu lill-kelliema kollha tal-lingwa u ninvolvu lil min sa issa kien qed jaħdem favur il-lingwa Maltija, fosthom l-għaqdiet tal-Malti, awturi, ġurnalisti u nies oħra tal-ħsieb. Għax il-Kunsill twaqqaf biex jgħaqqad u jsaħħaħ, mhux biex jifred u jfarrak.*
3. *Inkunu ġentili. Din se tkun karatteristika li tagħżel l-attitudni tal-Kunsill minn kulma sar sa issa. Il-kelliema, il-kittieba, il-ġurnalisti tal-Malti sa issa aktarx sabu ħafna min jaħtafhom, jikkritikahom u jiċċensurahom; sabu inqas min jgħinhom u jifttħilhom għajnejhom. Nistgħu nkunu sodi imma ġentili, effettivi imma edukati, xjentifiċi imma umli. Għax jekk f'xi ħaġa nafu iktar mill-oħrajn, aktarx li fi ħwejjeġ oħra jgħallmuna. Irridu noffru għajnuna, servizz tajjeb u bit-tbissima. Jien fiduċjuż li n-nies jagħtuk dak li tagħtihom, u li se jkunu iktar disposti biex jisimgħu, jifhmu u jissieħbu magħna la nkunu ġentili lejhom."*

Dan il-kliem issa ried jissarraf fil-prattika, f'għamla ta' mġiba li s-sisien tagħha ppruvajna li jkunu dawn:

1. Il-professjonalità
   a. Jekk il-Malti nirrispettawh tassew allura rridu nagħtuh il-prestiġju tal-oqsma prestiġjużi l-oħra, irridu nirrikonoxxu l-kwalifiki fih u ngħinu biex jiġu stabbiliti l-istandards. Kull min jitqabbad jaħdem mal-Kunsill irid ikun ikkwalifikat tassew fil-qasam tiegħu – għax il-Malti mhux agħar minn lingwi oħra li jittieħdu bl-ikbar professjonalità.
   b. Fittixna li sa mill-bidu ngħollu isem il-Kunsill għal livell akkademiku, irbatna ismu ma' dak tal-Università billi organizzajna diversi korsijiet flimkien mad-Dipartiment tal-Malti tagħha. Il-preżenza fil-Kunsill ta' akkademiċi ewlenin anke mhux mill-qasam tal-Malti (bħalma huma l-Prof. Joe Friggieri, Dr Ray Fabri u l-Prof. Joe Brincat) tgħin mhux ftit biex il-livell ikun tassew akkademiku.
   c. Il-professjonalità kienet megħjuna wkoll mill-fatt li l-korsijiet li għamilna attendewhom diversi persuni f'karigi għoljin f'oqsma differenti, li t-talbiet u l-pretensjonijiet tagħhom ma jistgħux ikunu baxxi.
2. Il-Malti lsienna lkoll. Fix-xogħol tagħna ppruvajna nkunu inklużivi, għax kien hemm ħwejjeġ li, imqar psikoloġikament,

kienu jbarru lill-poplu mill-interessi tal-Malti. Ħdimna biex nikkonvinċu li l-Malti hu tal-Maltin u mhux tan-nies "tal-Malti", li l-Kunsill huwa proġett li qed naħdmuh flimkien għall-ġid ta' kulħadd u li se jtejjiblek ħajtek, imqar jekk xogħlok mhuwiex fil-Malti. Dan fil-prattika kien ifisser li, flok qgħadna niddettaw mit-torri tal-avorju tagħna, ħriġna u morna aħna niltaqgħu man-nies biex nifhmu s-sitwazzjoni tax-xogħol tagħhom, u dan apprezzawh. Il-laqgħat li saru "fuq il-post" diġà semmiehom id-Direttur. Ngħid biss li dawn jitolbu ħafna xogħol, preparazzjoni u ħin imma swew ħafna biex in-nies jifhmu l-messaġġ tagħna u jaraw li "tal-Malti" huma ħaddiema bħalhom li qed jagħmlulhom proposta biex itejbu ħajjithom, li l-Malti jmur lil hemm mill-mamma u l-għerq u l-10 forom: huwa stqarrija ta' identità f'għadira ta' globalizzazzjoni li tista' tgħarraqna u tgħerriqna lkoll.

3. Bil-kelma t-tajba. Dan armajn sar il-motto (doppjusens) tal-Kunsill. Dan hu pajjiż ħieles, u billi nitmasħnu dwar id-drittijiet tal-Malti u d-dmirijiet tal-Maltin ma naslu mkien. Fil-libertà l-unika għodda li jibqagħlek hi l-konvinzjoni, u li wara li tgħid fehmtek tirtira, għax is-semmiegħ ukoll għandu moħħu.

Hekk kienet il-mixja tagħna. Kienet iebsa imma ta' sudisfazzjon. U, tistagħġeb, għallmitna bosta ħwejjeġ u tatna ħafna u ħafna sorpriżi li nixtieq naqsam magħkom.

1. Kienu jgħidulna li l-poplu mhux interessat fil-lingwa, li l-lingwa jkissirha biss jaf, li rridu nkunu aħna biex insalvawhielu. Aħna li rsaqna lejh u tkellimna miegħu bil-kelma t-tajba sibna poplu li jħobb ilsienu, jixtieqU użat tajjeb, għatxan biex jitgħallmu aħjar. Sibna korsijiet mimlijin, sibna seminars iffullati minn nies li tilfu l-jum tal-mistrieħ biex ġew jitkellmu fuq il-Malti. M'iniex qed noħlom, qed nitkellem fuq in-numri. Dan mhux poplu li jarmi lsienu, u lilna dan għamlilna kuraġġ ta' sur.
2. Qalulna u kitbulna li mingħajr il-forza ma tagħmel xejn, jekk ma timponix u ma timmultax ma tasal imkien. Aħna sibna xort'oħra. Flok l-impożizzjoni ressaqna d-diskussjoni u l-konsultazzjoni, flok iċ-ċensura r-rispett għall-intelliġenza tal-Maltin, u dawn kważi dejjem wasslu għall-konvinzjoni. Nafu li t-triq itwal, u li trid ħafna u ħafna paċenzja, imma għalina l-paċenzja, aktar mill-baġit u minn kull ġid ieħor, hija l-aktar riżors siewi. M'iniex noħlom: ħarsu lejn id-Deċiżjonijiet ortografiċi li, wara inqas minn 4 xhur u minkejja l-moratorju ta' tliet snin, diġà ntlaqgħu u daħlu kullimkien... mingħajr ebda multa, billi rsaqna lejn in-nies, tkellimna magħhom u fehmuna. Ejjew ma naqtgħux qalbna mill-poplu tagħna, għax huwa egħref milli nagħmluh.
3. Qalulna: Ma ddumux ma tiġġieldu kif jagħmlu dejjem tal-Malti. Imma llum qegħdin hawn u qed nara bosta mill-promuturi tal-Malti magħqudin għax fehmu li t-tir tagħna lkoll huwa wieħed: il-ġid tal-Malti. U min jifhem dan, kif jista' jibqa' jfettaq u jikkustinja? L-għaqdiet għadhom hemm u qegħdin jaħdmu. L-Akkademja, li għal xi wħud kellha tindifen taħt is-sisien tal-Kunsill, illum għandha ħajja ġdida u hija mżejna bl-aħjar żgħażagħ li għandna. Min, bħal bosta minna, kien ir-Rabat għal-lejla fuq

il-Kantilena organizzata mill-Akkademja, u bħali tgħaxxaq b'dak li ra u b'dak li sema' fost knisja maħnuqa bin-nies, jaf li m'iniex nigdeb. L-Akkademja llum, imserrħa minn xogħol li ma kinitx tiflaħ għalih, intefgħet aħjar fuq ħidma importanti li minn dejjem kienet il-kariżma tagħha: il-bini u l-promozzjoni tal-letteratura tagħna. U mqar fi ħdan il-Kunsill, illum nintebħu li tul dawn is-snin tgħallimna nifhmu iktar lil xulxin, naħdmu flimkien aħjar, u naslu qabel.

4. Kienu wissewna wkoll li dan nar tat-tiben. U nistqarr li konna beżgħanin li l-entużjażmu u l-ottimiżmu tal-bidu mal-ewwel xitwa jibred u jintefa. Niżżu ħajr 'l Alla, mid-dehra l-ottimiżmu wkoll jikkonvinċi u jittieħed, għax il-grupp ta' madwar il-Kunsill qiegħed jikber, miżjud minn nies li ltqajna magħhom fuq ix-xogħol tagħhom u ġarrejniehom magħna, u minn qarrejja tal-provi li fehmu bis-sħiħ il-miri tagħna u għamluhom tagħhom. Illum jekk inwarrbu nafu li qed inħallu ħafna entużjażmu u ħafna kompetenza vera fuqiex inserrħu.

Tgħidu, nuqqasijiet ma kellniex? Uh, allaħares nibda ngħoddhom. Dan kien perijodu ta' esplorazzjoni, u nistqarr li l-miri li fassalna għalina mhux dejjem ilħaqniehom. Uħud warrabniehom u ħdimna oħrajn minflokhom. Stajna konna aktar kontinwi u sistematiċi, forsi issa nitgħallmu. Xtaqna ddjalogajna iktar, u ġieli żbaljajna. Tistgħu tpoġġu subgħajkom fejn tridu, u dejjem se ssibu xi ħaġa li m'għamilniex jew m'għamilniex tajjeb daqskemm tixtiequ. Ta' dawn in-nuqqasijiet, sinċerament nitlob f'ismi u f'isem il-Kunsill il-mogħdrija tagħkom.

Imma, Sinjuri, dawn in-nies ħallew il-familja d-dar għal sigħat twal, tlabna minnhom xogħol mgħaġġel u tawhulna bla tgergira, ħinijiet twal għamlu jiddiskutu flok taw ftit privat biex jgħinu l-familja, ħadmu bla nifs u kellhom jidħlu għal xogħol li qatt ma kienu għamluh qabel... u għamluh tajjeb. U huma nies ġa mħabbtin, u nies professjonali. Dan kollu – ngħidha b'sens ta' ġustizzja imma wkoll bi skomdu għax naf kemm jiddejqu li ngħidha – mingħajr ebda ħlas ħlief is-sudisfazzjon li jaraw il-Malti ġej 'il quddiem.

Jien illum irrid nirringrazzjahom minn qalbi tax-xogħol kollu li għamlu, lil sħabi tal-Kunsill, liċ-ċirku ikbar ta' membri tal-kumitati u konsulenti, u lil dawk kollha li għenuna bl-apprezzament jew bil-kritika tagħhom. Grazzi lilkom li ssegwu l-ġid tal-Malti u lill-poplu kollu li llum qed jurina li japprezza li l-Kunsill qiegħed hemm biex flimkien inġibu 'l quddiem l-ilsien nazzjonali għażiż tagħna. It-tweġiba mħeġġa tagħkom tagħmlilna kuraġġ inkomplu t-triq li qbadna.

# L-Istat tal-Ilsien Malti

## interventi mill-udjenza

Mario Cacciottolo talab lill-Kunsill biex is-sensiela "Bil-Kelma t-Tajba" jxandarha wkoll fil-*KullĦadd* għax anki dil-gazzetta għandha paġna ddedikata lill-ilsien Malti. Huwa ma jaqbilx li min mhux ikkwalifikat fl-ilsien Malti ma jkunx involut fid-deċiżjonijiet.

Dr Paul Xuereb faħħar lill-Kunsill tal-ħidma tiegħu, imma fuq kollox faħħar il-metodu li qed jaħdem bih il-Kunsill, jiġifieri li qed jikkonvinċi b'argumenti ċari mwasslin bil-kalma.

David Agius Muscat faħħar il-ħidma tal-Kunsill tul it-tliet snin sħaħ u jawgura li l-Kunsill ikompli b'ħidmitu.

Dr Joseph Axiaq irrimarka li t-Taqsima tal-Kurrikulu għadha kemm ħarġet kotba ġodda għall-iskejjel sekondarji fuq il-grammatika Maltija u stampathom skont ir-regoli li fi żmien tliet snin oħra mhux se jibqgħu uffiċjali.

Alfred Borg talab lill-Kunsill jgħarrfu x'inhu jsir biex l-avviżi li joħorġu d-dipartimenti tal-Gvern ikunu bil-Malti wkoll.

Dr Victor Zammit jaqbel li l-Kunsill jaħdem fuq dizzjunarju *online* imma ammetta li se tkun ħaġa diffiċli ħafna biex il-Kunsill ilaħħaq mat-terminoloġija ġdida.

John Consiglio qabel ħafna mal-argument ta' Dr Victor Zammit u wera kif fil-qasam bankarju huwa prattikament impossibbli nitolbu mix-xandara biex jaqilbu ċerti frażijiet tekniċi li jista' jkollhom għomor tabilħaqq qasir.

Ramon Casha faħħar il-konferenza fuq l-użu tal-Malti fl-informatika għax kienet okkażjoni biex kull min qed jaħdem fuq proġetti informatiċi ikollu idea x'qed isir bħalissa.

Mary Rose Mifsud faħħret l-attitudni miftuħa tal-Kunsill li jgħożż il-bilingwiżmu. Hija ssuġġeriet li ma għandniex niskartaw l-idea li jkollna "Kunsill tal-Lingwa" flok "Kunsill tal-Malti" għax anki l-Ingliż għandu postu fil-ħajja nazzjonali.

Christian Micallef talab lill-Kunsill jgħidlu huwiex aċċettabbli li fl-Università ta' Malta ma jaċċettawx ix-xogħol tal-istudenti jekk ikun miktub bil-Malti. Huwa kien qed jirreferi għar-regolamenti l-ġodda approvati mis-Senat tal-Università li jistqarru li l-Ingliż huwa l-għodda tat-tagħlim fl-Università.

Joe Felice Pace appella lill-Gvern biex ma jibqax jaħdem bil-volontarjat fejn jidħol l-ilsien Malti. Ma jistax ikun li nippretendu li n-nies tal-Kunsill u tal-kumitati jiltaqgħu regolarment u ma jiħdux xi ħlas ta' xogħolhom.

# Għeluq

## Joe Friggieri

Ir-rapport li qara d-Direttur Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sur Olvin Vella, kif ukoll id-diskors tal-President, il-Professur Manwel Mifsud, juru kemm tassew kienet mifruxa u fejjieda l-ħidma li wettaq il-Kunsill f'dawn l-aħħar tliet snin. Sa mit-twaqqif tiegħu l-Kunsill fittex qabelxejn li jkollu stampa kemm jista' jkun ċara tal-qagħda preżenti tal-ilsien Malti fid-diversi oqsma fejn jintuża regolarment. Il-ġbir tal-informazzjoni f'dal-qasam huwa proċess twil u diffiċli, imma daqstant ieħor neċessarju biex tkun tista' titfassal strateġija effikaċi li permezz tagħha jkunu jistgħu jiġu indirizzati d-diffikultajiet u l-isfidi li jeżistu.

L-inizjattivi prattiċi li ħa l-Kunsill b'risq il-kitba u l-użu tal-Malti fissirhom tajjeb ħafna d-Direttur Eżekuttiv u m'għandix għalfejn nerġa' nsemmihom. Jidhirli li hu importanti li nisħaq, madankollu, fuq prinċipju li l-Kunsill iqisu fundamentali. Għandna nħarsu lejn il-lingwi kollha bħala għodda għall-espressjoni u l-komunikazzjoni tal-ħsieb, għodda li ma nistgħux ngħaddu mingħajrha. Aktar ma nitgħallmu lingwi, u aktar ma nkunu kapaċi nużawhom b'ħila u ħeffa, aħjar. Il-Malti huwa l-lingwa nazzjonali, dik li tagħżilna u tiddistingwina bħala poplu; imma l-Malti u l-Ingliż huma t-tnejn rikonoxxuti bħala lingwi uffiċjali, u m'għandniex naqgħu fin-nasba antika li nikkonfrontawhom, jew li nħarsu lejhom bħala kompetituri. Veru li għandna l-problema (inevitabbli fil-każ tagħna) tal-interferenza. Imma dik il-problema ma nsolvuhiex billi nittraskuraw l-Ingliż biex nagħtu preċedenza lill-Malti, jew viċeversa. Insolvuha permezz ta' politika lingwistika b'saħħitha li tagħti lit-tfal u liż-żgħażagħ bażi soda fit-tnejn, u li twassalhom biex jitgħallmu għall-inqas lingwa oħra, kif inhi x-xewqa tal-Unjoni Ewropea.

Fejn tidħol il-kitba tal-Malti, il-Kunsill offra l-għajnuna tiegħu lil kull min talabhielu, u ħadem fil-qrib ma' entitajiet governattivi, mal-kunsilli lokali u mal-gazzetti biex din l-għajnuna tissarraf fil-prattika u tagħti l-frott. Ta' min isemmi u jfaħħar il-kollaborazzjoni li sab il-Kunsill mill-għalliema fl-iskejjel primarji u sekondarji, u mill-kapijiet tal-iskejjel. Mingħajr din il-kollaborazzjoni l-ħidma tal-Kunsill kienet tkun ħafna aktar diffiċli.

Jonqos ħafna xi jsir. Irridu naħdmu ħafna iżjed biex intejbu l-kitba tal-Malti fil-gazzetti u l-użu tal-Malti fix-xandir. Il-fatt li l-Kunsill jaf bl-isfidi li jeżistu f'dawn l-oqsma, u li għandu wkoll ippjanati għadd ta' inizjattivi, huwa diġà minnu nnifsu sinjal li nistgħu u għandna nħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu u nistennew li naraw jitwettaq it-titjib mixtieq.